MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 8/2007/1

**Melita Cable p.l.c. (C12715)**

**v.**

**Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq,**

**l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**u l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta**

**ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li s-socjeta` Melita Cable p.l.c. ipprezentat fil-5 ta' Jannar, 2007 u li jaqra hekk:

> "Illi s-socjeta` rikorrenti Melita Cable p.l.c. ("Melita Cable") ghandha awtorizzazzjoni *ai termini* tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta biex topera *network* u biex tipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.
>
> "Illi fis-17 ta' Novembru 2006 is-socjeta` rikorrenti ghamlet protest kontra l-intimati, (prezentati mar-rikors u immarkati bhala Dok MCTV1), liema protest gie debitament notifikat lill-intimati.
>
> "Illi l-Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni u l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta it-tnejn ghamlu kontro-protest (prezentati mar-rikors u immarkati bhala Dok MCTV2 u Dok MCTV3).
>
> "Illi l-Melita Cable hija operatur *ai termini* ta' l-AL 94 ta' l-2005, u ghalhekk il-Melita Cable hija obbligata li thallas mizata billi tgawdi minn drittijiet ta' moghdija.
>
> "Illi r-regolament 3(1) ta' l-AL 94 ta' 2005 jipprovdi li:
>
>> "Operatur li jgawdi dritt ta' moghdija ghandu jaghmel lill-Awtorita`, jew lil kull persuna jew korp ta' persuni li lilhom ikunu gew delegati bil-miktub xi funzjonijiet specifici mill-Awtorita`, hlas annwali ghal dak id-dritt li jkun ekwivalenti ghal 0.4% mid-dhul gross totali ta' l-operatur, izda l-imsemmi hlas ma ghandux ikun wiehed anqas minn mija u ghoxrin elf lira Maltija."

"Illi r-regolament 1 (2) ta' l-AL 94 ta' 2005 jipprovdi li l-istess AL 94 ta' 2005 ghandu effett retroattiv billi jipprovdi li:

> "Dawn ir-regolamenti ghandhom jitqiesu li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Ottubru, 2004."

"Illi l-Melita Cable fis-27 ta' Lulju 2005 u fl-14 ta' Awwissu 2006 rceviet minghand l-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta interpellazzjonijiet ghall-hlas ta' ammonti ta' disghin elf disa' mija u sitta u erbghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm90,946.85), u mitejn hamsa u hamsin elf seba' mija u tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm255,728.21) rispettivament (Dok MCTV4 u MCTV5).

"Illi l-Melita Cable ikkontestat illi dawn il-pagamenti huma dovuti billi irrispondiet dawn l-interpellazzjonijiet ghall-hlas permess ta' zewg ittri ufficjali, wahda datata t-12 ta' Awwissu 2005 u l-ohra datata 25 ta' Awwissu 2006 (Dok MCTV6 u MCTV7).

"Illi l-Melita Cable hallset lill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta l-ammont ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000) permezz ta' tliet *cheques* datati l-4 ta' Ottubru 2006, l-1 ta' Novembru 2006 u t-3 ta' Jannar 2007, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li tircievi rifuzjoni totali jew parzjali ta' dawn il-hlasijiet.

"Illi l-AL 94 ta' l-2005, mhuwiex konformi ma' legislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li ghandha effett dirett, u cioe` l-Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive* (Directive 2002/20/EC), in kwantu l-istess Direttiva tipprovdi fuq hlasijiet ghal drittijiet ta' moghdija li:

> *"Member States may allow the relevant authority to impose fees for the rights of use for radio frequencies or numbers or rights to install facilities on, over or under public or private property which reflect the need to ensure the optimal use of these resources. Member States shall ensure that such fees shall be objectively justified, transparent, non-discriminatory and proportionate in relation to their intended purpose and shall take into account the objectives in Article 8 of Directive 2002/21/EC (Framework Directive)."*

“Illi r-regolamenti 1(2) u 3(1) ta’ l-AL 94 ta’ 2005 ghandhom l-effett li l-hlasijiet li jridu jithallsu mill-Melita Cable ghad-drittijiet ta’ moghdija mhumiex “*objectively justified*”, “*transparent*”, “*non-discriminatory*” u/jew “*proportionate in relation to their intended purpose*” u/jew lanqas ma jiehdu “*into account the objectives in Article 8 of Directive 2002/21/EC (Framework Directive*) u/jew lanqas ma huma tali li jizguraw “*optimal use of rights of way*”.

“Illi, addizzjonalment, l-Artikolu 14(1) ta’ l-*Authorisation Directive* jipprovdi li:

> *“Member States shall ensure that the rights, conditions and procedures concerning general authorisations and rights of use or rights to install facilities may only be amended in objectively justified cases and in a proportionate manner. Notice shall be given in an appropriate manner of the intention to make such amendments and interested parties, including users and consumers, shall be allowed a sufficient period of time to express their views on the proposed amendments, which shall be no less than four weeks except in exceptional circumstances.”*

“Illi meta gew imposti l-mizati godda permezz tal-AL 94 tal-2005, dan l-Artikolu 14(1) ta’ l-*Authorisation Directive* ma giex rispettat mill-awtoritajiet kompetenti.

“Illi *ai termini* ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap 460 tal-Ligijiet ta’ Malta

> “(1) Mill-Ewwel ta’ Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

> “(2) Kull disposizzjoni ta’ ligi li mid-data msemmjia tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta’ Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma’ dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista’ tigi infurzata.

"Illi l-Artiklu 65(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirrikjredi li l-ligijiet u regolamenti maghmula f'Malta jkunu konsonanti mal-obbligi ta' Malta taht it-Trattat ta' Adesjoni mal-Ewropa.

"Illi ghalhekk, ir-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-AL 94 ta' 2005 huma minghajr effett u ma jistghux jigu infurzati in kwantu ma jikkonformawx mal-Artikoli ta' l-*Authorisation Directive* succittati, u konsegwenzjalment l-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta ghandha taghmel rifuzjoni tal-hlasijiet maghmula, u li jistghu jsiru fil-futur, lill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta mill-Melita Cable.

"Ghalhekk permezz tal-prezenti s-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(a) Tiddikjara li r-regolamenti 1(2) u 3(1) ta' l-AL 94 ta' 2005 m'humiex konformi mal-Artikolu 13 u 14(1) ta' l-*Authorisation Directive* u konsegwentement huma minghajr effett; u

"(b) Tordna lill-intimati, jew min minnhom, jaghmlu rifjuzjoni lis-socjeta` rikorrenti tal-hlasijet maghmula mis-socjeta` rikorrenti sal-lum, kif ukoll ta' hlasijiet li jistghu jsiru fil-futur, u dan *stante* n-nuqqas ta' effett ta' 1(2) u 3(1) ta' l-AL 94 ta' 2005.

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta li pprezentat l-Awtorita` dwar it-Trasaport ta' Malta li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi l-Awtorita` kienet giet notifikata bi protest gudizzjarju datat 17 ta' Novembru 2006 liema protest gie mwiegeb permezz ta' kontro-protest datat 4 ta' Dicembru 2006.

"2. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li dawn huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

"3. Illi talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda *stante* li l-AL 94 tal-2005 li jirregola l-Hlasijiet ghad-Dritt ta' Moghdija ghal Utilitajiet u Servizzi hu konformi mal-legislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive*. *Ai termini* ta' dan l-Artikolu Stati Membri jistghu jimponu fuq l-operaturi mhux biss "*administrative charges*" izda wkoll hlasijiet ghat-tgawdija tad-dritt tal-moghdija. Ghalhekk ir-regolament 3(1) ta' l-AL 94 ta' l-2005 li jirregola l-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija gie impost in konformi ma' legislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive*.

"4. Illi b'mod aktar specifiku u bla pregudizzju ghas-suespost il-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija hekk kif ikkontemplati fir-regolament 3(1) ta' AL 94 tal-2005 jissodisfaw ir-rekwiziti hekk stipulati mill-Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive*. Dawn il-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija huma "*objectively justified*", "*transparent*", "*non-discriminatory*" u "*proportinate in relation to their intended purpose*". Il-hlasijiet huma wkoll konsonanti mal-oggettivi ta' Artiklu 8 tal-*Framework Directive* (id-Direttiva 2002/21/KEE) u huma tali li jizguraw "*optimal use of rights of way*".

"5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, id-drittijiet ta' hlas applikabbli permezz ta' l-AL 94 ta' l-2005, gew imposti *ai termini* ta' l-Artikolu 14(1) ta' l-*Authorisation Directive*. Il-procedura stipulata mill-imsemmi artikolu, sabiex jigu proposti drittijiet godda, giet osservata mill-ADT. L-imsemmi artikolu jirrikjedi li:

> *"Member States shall ensure that the rights, conditions and procedures concerning general authorisations and rights of use or rights to install facilities may only be amended in objectively justified cases and in a proportionate manner. Notice shall be given in an appropriate manner of the intention to make such amendments and interested parties, including users and consumers, shall be allowed a sufficient period of time to express their views on the proposed amendments, which shall be no less than four weeks except in exceptional circumstances."*

“6. Illi l-awtoritajiet kompetenti, *osservando* din il-procedura hekk stipulata, stabbilixxew perjodu ta’ konsultazzjoni fuq id-drittijiet proposti dwar il-hlas tad-drittijiet tal-moghdija u taw zmien ta’ erba’ gimghat lill-partijiet interessati (inkluz allura s-socjeta` protestanti) sabiex jaghtu s-sottomissjonijiet taghhom. Illi f’dan ir-rigward issir riferenza ghad-dokument konsultattiv mahrug mill-Gvern intitolat “*A New Regulatory Framework for Electronic Communications Markets – Draft Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations, Explanatory Memorandum*” mahrug f’Lulju 2004 (ara fol 20). Illi s-socjeta` attrici kienet ghalhekk debitament avzata bil-proposti f’dan ir-rigward u kellha kull opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar id-drittijiet ta’ hlas proposti fil-perjodu ta’ konsultazzjoni.

“7. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Bl-ispejjez.”

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni li in forza taghha eccepiet:

“1. Illi fil-kuntest tat-talbiet kif dedotti fir-rikors odjern, l-Awtorita` ta’ Malta Dwar il-Kommunikazzjoni (l-Awtorita) mhix il-legittimu kontradittur *stante* li l-Awtorita` intimata la kienet u lanqas ma hi l-awtorita` kompetenti ghat-tfassil jew emendar tad-dispozizzjonijiet impunjati u cioe` r-regolamenti 1(2) u 3(1) tar-Regolamenti dwar Hlasijiet ghad-Dritt ta’ Moghdija ghal Utilitajiet u Servizzi (Avviz Legali 94 ta’ l-2005). Illi lanqas ma ghandha l-jedd li taghmel xi rifuzjoni ta’ hlasijiet diga` maghmula mis-socjeta` rikorrenti jew li jistghu jsiru fil-futur, peress li r-rwol taghha hu biss li tigbor il-hlasijiet dovuti ghan-nom ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta u dan a tenur ta’ delega li kienet saret a favur ta’ l-Awtorita` (ara dok MCA1).

“**Fil-Mertu**

"3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita` tirrespingi l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fil-konfront taghha, bhala infondati fid-dritt u fil-fatt.

"4. Illi, qabel xejn u kuntrarjament ghal dak li qed jigi premess mis-socjeta` rikorrenti, ghandu jigi precizat illi d-Direttiva in kwistjoni m'ghandhiex dirett effett, u ghalhekk mhijiex applikabbli direttament f'qrati nazzjonali.

"Illi huwa pacifiku fid-dritt ta' l-Unjoni Ewropea li sabiex Direttiva jkollha effett dirett u ghalhekk tkun direttament applikabbli fil-qrati nazzjonali ta' l-Istati Membri hemm bzonn illi tissodissfa l-kriterji stabbiliti mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea (Qorti Ewropea). Fil-kaz fl-ismijiet **Van Gend & Loos** il-Qorti Ewropea stabbiliet li sabiex disposizzjoni ta' Direttiva jkollha effett dirett trid tkun "*clear and unconditional*" u "*not qualified by any reservation on the part of states which would make its implementation conditional upon a positive legislative measure enacted under national law*".

"Illi sabiex jigi sodisfatt il-kriterju ta' *unconditionality*, il-Qorti Ewropea stabbiliet illi:

"*A Community provision is unconditional when it is not subject, in its implementation or effects, to the taking of any measure either by the institutions of the Community or by the Member States*.

"Illi l-Qorti Ewropea stabbiliet ukoll illi sabiex jigi sodisfatt il-kriterju ta' provvediment tal-ligi "*sufficiently precise*", il-provvediment tal-ligi jrid ikun car u jrid ikun stabbilit "*in unequivocal terms*".

"Illi l-Artikoli 13 u 14(1) ta' l-*Authorisation Directive* u l-Artikolu 8 tal-*Framework Directive* ma jissodisfawx dawn il-kriterji stabbiliti, ghaliex mhumiex cari, precizi u inkondizzjonali, u inoltre jhallu lok ampju ghad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri fl-implementazzjoni tad-Direttiva. Illi ghalhekk dawn id-Direttivi m'ghandhomx jigi applikati quddiem din il-Qorti.

"5. Illi l-Avviz Legali 94 ta' l-2005 li jirregola l-Hlasijiet ghad-Dritt ta' Moghdija ghal-Utilitajiet u Servizzi hu konformi mal-legislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive* gja citat mis-socjeta` rikorrenti. Skond dan l-artikolu Stati Membri jistghu jimponu fuq l-operaturi mhux biss "*administrative charges*" izda wkoll hlasijiet ghat-tgawdtja tad-dritt tal-moghdija, ghalhekk ir-regolament 3(1) ta' A.L. 94 tal-2005 li jirregola l-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija gie impost in konformi mal-legislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive* (Dok MCA2 - kopja ta' l-*Authorisation Directive*).

"6. Ili b'mod aktar specifiku u bla pregudizzju ghas-suespost il-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija kif kontemplati fir-regolament 3(1) ta' AL 94 tal-2005 jissoddisfaw ir-rekwiziti hekk stipulati mill-Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive*. Dawn il-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija huma "*objectively justified*", "*transparent*", "*non-discriminatory*" u "*proportionate in relation to their intended purpose*". Il-hlasijiet huma wkoll konsonanti mal-oggettivi ta' l-Artiklu 8 tal-*Framework Directive* (id-Direttiva 2002/21/KEE ara Dok MCA3) u huma tali li jizguraw "*optimal use of rights of way*". Illi l-Awtorita` intimata irriservat il-fakolta` li tirribatti ghal din l-allegazzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti meta s-socjeta` rikorrenti tispjega ghalfejn l-imsemmija dispozizzjonijiet huma bi ksur ta' l-artikolu 13 gia citat ta' l-*Authorisation Directive*. Illi bir-rispett dovut is-socjeta` rikorrenti f'dan l-istadju kull ma qed tghid hu li d-dispozizzjonijiet impunjati huma kontra d-Direttiva minghajr ma telabora izjed, ghajr li ticcita mid-Direttiva *verbatim*.

"7. Ili s-socjeta` rikorrenti bhall-operaturi l-ohra kellha l-opportunita` qabel ma saru d-dispozizzjonijiet li qed jigu impunjati minnha biex taghmel l-oggezzjonijiet taghha. Pero` s-socjeta` rikorrenti naqset li fiz-zmien meta kien hemm process konsultattiv dwar il-mizuri proposti, li taghmel l-oggezzjonijiet taghha fiz-zmien moghti biex isir dan u biex allura imbaghad tipprova tiggustifika l-istess oggezzjonijiet (ara d-dok MCA4).

"8. Illi inoltre fil-kuntest ta' l-artikolu 14(1) ta' l-*Authorisation Directive* fejn is-socjeta` rikorrenti qed tallega li l-intimati marru kontra d-dettami ta' dan l-artikolu l-istess socjeta` rikorrenti ghal darb'ohra tonqos li tispecifika f'liema kuntest ma giex osservat dan l-artikolu. Is-socjeta` rikorrenti tghid biss li l-artikolu 14(1) "ma giex rispettat mill-awtoritajiet kompetenti" u tieqaf hemm.

“9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-mizati applikabbli permezz ta’ l-A.L. 94 ta’ l-2005, gew imposti ai termini tal-Artikolu 14(1) ta’ l-*Authorisation Directive*. Il-procedura stipulata mill-imsemmi artikolu sabiex jigu proposti mizati godda giet osservata mill-awtoritajiet kompetenti.

“10. Illi l-awtoritajiet kompetenti, skond din il-procedura hekk stipulata, stabbilixxew perjodu ta’ konsultazzjoni fuq il-mizati proposti dwar il-hlas tad-drittijiet tal-moghdija u taw zmien ta’ erba’ gimghat lill-partijiet interessati (inkluz allura s-socjeta` rikorrenti) sabiex jaghtu s-sottomissjonijiet taghhom. Illi f'dan ir-rigward saret riferenza ghad-dokument konsultattiv mahrug mill-Gvern intitolat "*A New Regulatory Framework for Electronic Communications Markets - Draft Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations, Explanatory Memorandum*" mahrug f'Lulju 2004 (li tieghu estratt gie anness bhala Dok MCA4 kif wkoll dok MCA5 avviz mahrug mill-Ministeru ghal Kompettitivita` u Komunikazzjoni kif deher fuq il-*website* ta’ l-istess Ministeru), fejn allura jsir riferenza specifika a fol 20 ta’ dak id-dokument it-Taqsima 8.6. intitolata "*Fees for rights of way*".

“11. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet debitament avzata bil-proposti f'dan ir-rigward u kellha kull opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-mizati proposti. Illi ma jirrizultax li f’dak l-istadju meta nhareg dan id-dokument konsultattiv saret xi oggezzjoni ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti dwar dak li kien hemm propost taht it-taqsima 8.6 bit-titolu "*Fees for rights of way*". Illi f'din it-Taqsima kien propost is-segwenti:

“**"8.6 *Fees for rights of way***

*Local legislation, as well as the new EU framework, recognises that rights of way (rights to install facilities) may be made subject to the imposition of fees that reflect the need to ensure the optimal use of these resources.*

“*The Government will therefore be introducing a fee 0.4% of gross revenues or a minimum charge of Lm120,000 under the Utilities and Services (Regulation of Certain Works) Act, Cap. 81, on undertakings authorised to provide nation-wide fixed electronic communications networks."*

“12. Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` r-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti inkluzi l-ispejjez tal-kontro-protest ta’ l-Awtorita` kontra s-socjeta` rikorrenti prezentata fl-4 ta' Dicembru 2006 (ara d-dok MCTV6 anness mar-rikors tal-kawza).

**Dikjarazzjoni dwar il-fatti**

“13. Illi l-Awtorita` intimata mhux qed tikkontesta l-fatti tal-kaz kif dedotti mill-ewwel sar-raba’ paragrafi fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti (ara l-ewwel pagna u tieni pagna l-ewwel sentenza tar-rikors).

“14. Illi fil-hames paragrafu fejn allura hemm citat ir-regolament 3(1) ta’ l-A.L. 94 ta’ l-2005, jigi rilevat li dan s-subregolament kien gie emendat bl-Avviz Legali 45 ta’ l-2006. Kopja ta’ l-imsemmija emendi kif ukoll verzjoni konsolidata ta’ imsemmija regolamenti gew annessi ma’ din ir-risposta (ara Doks MCA6 u MCA7).

“15. Illi l-fatti kif dedotti fil-paragrafi sitta sa disgha (ara t-tieni pagna tar-rikors) ma humiex kontestati. Illi l-Awtorita` tikkonferma li l-hlasijiet imsemmija fid-disa’ paragrafu tar-rikors odjern saru.

“16. Illi l-paragrafi sussegwenti cioe` mill-paragrafu ghaxra ’l quddiem huma argumenti maghmula ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti u huma kontestati.”

Rat ir-risposta tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq li in forza taghha eccepixxa:

“Illi preliminarjament, in-nuqqas ta’ notifika ta' dan l-att gudizzjarju lill-Ufficju ta’ l-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta, ghaldaqstant kwalunkwe terminu ghadu ma bediex jiddekorri kontra l-konvenut Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq esponent skond il-ligi.

> “Illi preliminarjament ukoll, il-konvenut Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq esponent m'humiex il-legittimi kontraditturi fil-kaz odjern u dana abbazi tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.
>
> “Illi fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispjezz kontra taghha, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> “Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta’ Marzu, 2007, quddiem l-ewwel Qorti, il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Frar, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

> “Il-Qorti, ghall-motivi msemmijin taht “D3” hawn fuq tichad l-eccezzjoni tal-Ministru Ghal Zvilupp Urban u Toroq li mhux il-legittimu kontradittur.
>
> “Il-Qorti, ghall-motivi msemmijin taht “D4” hawn fuq tichad l-eccezzjoni ta’ l-Awtorita` ta’ Malta Dwar Komunikazzjoni li mhix il-legittimu kontradittur.
>
> “Il-Qorti tichad l-eccezzjoni dwar l-intempestivita` ta’ l-azzjoni odjerna minhabba dak imsemmi taht “D5”.
>
> “Riferibbilment ghall-eccezzjoni li l-Avviz Legali 94 ta’ l-2005 jirregola hlasijiet ghad-dritt ta’ moghdija ghal utilitajiet u servizzi, ghar-ragunijiet imsemmija taht “D6”, din hi milqugha.

"Riferibbilment ghall-eccezzjoni dwar retroattivita`, din hi michuda ghal dak li jissemma taht "D7".

"Dwar l-eccezzjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar Komunikazzjoni fis-sens li l-artikoli 13 u 14 ta' l-*Authorisation Directive* m'ghandhomx effett dirett, din hi regolata minn "D10" hawn fuq fis-sens li l-*Authorisation Directive* giet rispettata, izda mhux dwar l-aspett ta' retroattivita`.

"Dwar l-eccezzjoni ta' l-MCA u l-ADT li l-artikoli 13 u 14 huma konformi mal-*Authorisation Directive*, din hi milqugha dwar l-artikolu 13 izda michuda dwar l-artikolu 14(1).

"Dwar it-talba tas-socjeta` rikorrenti biex il-Qorti tiddikjara r-Regolamenti 1(2) u 3(1) ta' l-Avviz Legali 94 ta' l-2005 mhumiex konformi mal-artikoli 13 u 14 ta' l-*Authorisation Directive* u konsegwentement minghajr effett, il-Qorti tiddikjarahom konformi mal-artikolu 13 izda mhux mal-artikolu 14(1).

"Dwar it-talba ghar-rifuzjoni, il-Qorti tichad l-istess talba ghal dak li jirrigwarda pagamenti in segwitu tar-regolamenti hlief dawk riferibbli ghar-retroattivita`, u ghalhekk izzomm id-dritt tar-rifuzjoni favur is-socjeta` rikorrenti dwar ammonti mhallsa in virtu` tar-retroattivita`.

"Spejjez zewg terzi ghas-socjeta` rikorrenti u parti minn disgha ghall-Ministru Ghall-Izvilupp Urban u Toroq, parti minn disgha ghall-Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni u parti minn disgha ghall-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**C. PROVI:**

"Illi fis-27 ta' Marzu 2007 Dr. Scerri Debono ghall-avukat Generali irtirat l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq.

"Gie prezentat affidavit ta' Dr. Jean Pierre Scerri *General Counsel* u *Company Secretary* tal-Melita Cable p.l.c. u ilu jokkupa l-kariga ghall-ahhar hames snin u nofs. Ikkonferma l-fatti fir-rikors promotor guramentat fejn il-kawza tirrigwarda drittijiet ta' moghdija. Spjega d-drittijiet fejn qal li provdituri ta' *networks* ta' komunikazzjoni elettronika (bhal Melita Cable p.l.c.) kien ikollhom bzomm jaghmlu uzu minn certu apparat bhal *cables*, *masts* u apparat simili biex ikunu jistghu jibnu l-infrastruttura taghhom. Din l-infrastruttura ta' sikwit kienet tghaddi minn taht jew minn fuq art pubblika u privata u biex setghet taghmel uzu minn dan id-dritt, il-Melita Cable hija obbligata li taghmel il-hlasijiet li hemm stipulati fl-Avviz Legal mertu ta' din il-kawza. Semma li dawn id-drittijiet ta' moghdija huma krucjali ghal kull min jopera fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika u minghajrhom ikun impossibbli li wiehed jopera f'dan il-qasam. L-Unjoni Ewropea tirregola dawn id-drittijiet permezz ta' Direttivi.

"Qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali 94/2005, il-Melita kienet ghamlet hlasijiet fis-snin 2001 sa 2004 bejn Lm273,000 sa Lm296,000 ghal kull sena. Sussegwentement il-*license fees* spiccaw u gew imposti drittijiet ta' moghdij u hlasijiet ta' *administrative charges*. L- *administrative charges* gew imposti permezz ta' l-Avviz Legali 412/2004, waqt li l-hlasijiet ghad-drittijiet ta' moghdija gew imposti mill-Avviz Legali 94/2005, li bazikament jobbliga lill-operatur hlas annwali ghal dak id-dritt li jkun ekwivalenti ghal 0.4% mid-dhul gross totali ta' l-operatur, izda dejjem illi l-hlas qatt ma jkun inqas minn Lm120,000.

"Konsegwenza ta' l-Avviz Legali Melita Cable kellha thallas ghas-sena 2004 - Lm30,000, 2005 – Lm120,000 u 2006 – Lm120,000. Qal ukoll li l-Avviz Legal kellu sahha retrospettiva u kellu jitqies li kien gie fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2004 u ghalhekk fl-2004 l-ammont dovut kien ta' Lm30,000. Zied jghid li, li kieku ma kienx hemm ir-regola li operatur irid ihallas mill-inqas Lm120,000 ghas-sena 2005 l-Melita Cable p.l.c. kienet thallas biss Lm33,709 u ghas-sena 2006 l-ammont kien ikun Lm36,744. Semma li fl-2005 l-ammont komplessiv dovut mill-Melita bhala hlasijiet ghad-drittijiet ta' moghdija u *administrative charges* kien ta' circka Lm272,000 u fl-2006 kien circa Lm284,000. Id-

differenza bejn dawn l-ammonti u l-ammonti li kienu dovuti mill-Melita fis-snin 2001, 2002, 2003 u 2004 kienet ta' ftit.

"Qal li f'laqgha li kien hemm bejn il-Melita Cable u l-Awtorita` ta' Malta tal-Komunikazzioni fis-sajf 2006, ic-Chairman ta' l-istess Awtorita', is-Sur Joe Tabone, kien qalilhom li l-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija kienu gew ikkalkulati biex meta maghduda mal-*administrative charges*, *piu` o meno* kienu jigu ekwivalenti ghal-*license fees* kif kienu qabel.

"Xehed Joseph Gerada, Chairman tal-ADT li ilu f'din il-kariga minn Gunju 2006. Qal li l-inkarigu tal-ADT ma kien xejn f'dan il-mertu ghax l-Awtorita` li hadet hsieb dan il-process kienet il-*Communications Authority*. Hu kien infurmat li bhala stat ta' fatt l-Awtorita` tat-Trasport ma kellhiex rwol fil-bicca xoghol. Ma kienx jaf minn kellu sehem min-naha ta' l-Awtorita` tal-Kommunikazzjoni.

"Xehed Joseph Tabone, *Chairman* ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni, u semma li qabel ma sar l-Avviz Legali 94 ta' l-2005 kienu studjaw l-istruttura tar-rati ta' l-EU, ghalkemm dan il-process beda fl-2003. Kienet giet studjata l-istruttura ta' licenzji izda mahduma b'konsistenza mad-direttivi ta' l-EU. Ic-*charges* suppost li jkunu proporzjonali u trasparenti. L-Awtorita` kienet involuta biex tassisti u taghti pariri lill-Gvern biex tirristruttura l-licenzji qodma u biex isiru tariffi godda konformi mad-Direttivi ta' l-EU. Infatti l-Awtorita` kienet involuta fil-preparazzjoni ta' l-Avviz Legali 94 ta' l-2005. Zied pero` li l-Ministeru tat-Trasport kien involut. L-ADT kienet involuta b'*rights of way* dwar il-komunikazzjoni. Kien hemm anke laqghat bejn il-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjoni u Finanzi u dak responsabbli ghall-I.T. u rapprezentant tal-Prim Ministru. Kien hemm affjatament bejn l-ufficjali ta' l-ADT u dik ta' l-Awtorita` Dwar il-Komunikazzjoni tant li kien hemm involut is-CEO ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport, is-Sur Falzon u kien hemm anke *consultation document* li kien gie preparat b'kollaborazzjoni bejn iz-zewg organizzazzjonijiet. Hu ipprezenta d-Dokument "JVT1" li jinsab a fol 109 *et* tal-process li jikkoncerna *Public Rights of Way – Discussion paper*. Kien hemm l-intiza li tranzizzjoni mir-regolamenti qodma ghall-godda kellha tkun wahda li twassal biex il-mizata totali mhallsa mill-*Market Participants* qabel u wara tkun sostanzjalment l-istess. Il-Gvern ma riedx li jircievi anqas dhul u fl-istess hin ried ikun hemm liberalizzazzjoni ghall-komunikazzjoni u ghalhekk kienet necessarja struttura ta' mizati b'mod li thajjar id-dhul ta' socjetajiet godda biex jidhlu f'dan is-settur. Naturalment ittiehdu in konsiderazzjoni l-ispejjez ta' tiswijiet, amministrazzjoni u diversi fatturi ohra. Ir-*Right of Way Fees* kellhom ikunu aktar gholja minn dawk li kienu precedenti. Saret

referenza ghall-paragrafu 8.6 ghad-Dokument "MCA4", kif ukoll ghall-*Consultation Document*. Ma kienx hemm *submissions*. Ir-*Right of Way Fees* hija *variable fee*, u *turn-over sensitive*, pero` b'*minimum* ta' Lm120,000.

"Xehed Simon Vella, Chairman ta' l-Awtorita` tat-Trasport u semma li kien qabad erba' toroq partikolari li saru fl-2005-2006 fejn seta' jistabilixxi l-ammont ta' spejjez li kellhom direttament lis-*service culverts*. Minn dawn it-tliet toroq kellhom li kienu taht l-Italian Protocol u kien hemm ukoll il-*by-pass* ta' San Pawl il-Bahar. Huma kienu hargu l-ammont li kien iccertfikat bhala spejjez li kien direttament lejn is-*service culverts*, hadu t-tul tas-*service culverts* kemm kien, gabu r-*rate per meter in Euros* u mbaghad kienu hadu r-*rate as per standard construction*, jigifieri dak li normali. Qal li kienu johorgu tlett ammonti fejn l-*average of one running meter of a service culvert* jizen *an average of about* €740.

"Rat in-nota ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport fejn esebiet dokument ikkonfermat mill-Perit Zerafa, *Manager Construction Operations* dwar *service culvert*.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Talba rikorrenti:***

"Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti biex:

> "a. Tiddikjara li r-regolamenti 1(2) u 3(1) ta' l-AL 94 ta' l-2005 m'humiex konformi ma' l-Artikolu 13 u 14(1) ta' l-*Authorisation Directive* u konsegwentement minghajr effett; u
>
> "b. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, jaghmlu rifuzjoni lis-socjeta` rikorrenti tal-hlasijiet maghmula mis-socjeta` rikorrenti sallum, kif ukoll ta' hlasijiet li jistghu jsiru fil-futur, u dan stante n-nuqqas ta' effett tar-regolamenti 1(2) u 3(1) ta' l-AL 94 ta' l-2005."

"***D2. Ligi applikabbli:***

"Hemm qbil li s-socjeta` rikorrenti taghmel uzu minn drittijiet ta' moghdija. Il-ligi Maltija – u cioe` r-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 94 ta' 2005 kif amendat mill-A.L. 45 ta' l-2006 u 424 ta' l-2007 (flimkien, l-Avviz Legali) – fir-rigward ta' drittijiet ta' moghdija jipprovdi:

> "Operatur nazzjonali li jgawdi dritt ta' moghdija ghandu jaghmel lill-Awtorità, jew lil kull persuna jew korp ta' persuni li lilhom ikunu gew delegati bil-miktub xi funzjonijiet specifici mill-Awtorità, hlas annwali ghal dak id-dritt li jkun ekwivalenti ghal 0.4% mid-dhul gross totali ta' l-operatur, izda l-imsemmi hlas ma ghandux ikun wiehed anqas minn mitejn u disgha u sebghin elf u hames mitt euro (€279,500)."

"Ir-regolament 1(2) ta' l-istess Avviz Legali kien jipprovdi (qabel ma saru l-emendi permezz ta' l-AL 45 ta' l-2006) li l-Avviz Legali kellu effett retroattiv:

> "Dawn ir-regolamenti ghandhom jitqiesu li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Ottubru, 2004."

"***<u>D3. Eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq fis-sens illi l-Ministru mhuwiex legittimu kontradittur a bazi tal-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>***

"Fir-risposta guramentata tal-Ministru Ghall-Izvilupp Urban u Toroq bhala t-tieni eccezzjoni hemm li mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kaz odjern a bazi tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12.

"Dan jipprovdi:

> "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

"Izda, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

“(a) kawzi ghall-gbir ta’ ammonti dovuti lill-Gvern jistghu f’kull kaz isiru mill-Accountant General;

“(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta’ servizz mal-Gvern jistghu f’kull kaz isiru mis-Segretarju Amministrattiv;

“(c) kawzi dwar kuntratti ta’ provvista jew ta’ appalt mal-Gvern jistghu f’kull kaz isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.”

“Izda l-Qorti tosserva li l-kawza odjerna hija dwar Avviz Legali, liema Avviz Legali gie promulgat propju mill-Ministru intimat, u ghalhekk il-Ministru huwa l-legittimu kuntradittur.

“Jizdied ma’ dan li ma jkunx hemm kap ta’ dipartiment involut fil-promulgazzjoni ta’ l-Avvizi Legali.

“***<u>D4. Eccezzjoni preliminari ta’ l-MCA li mhix il-legittimu kontradittur:</u>***

“L-Awtorita` ta’ Malta Dwar il-Komunikazzjoni eccepiet preliminarjament li hi mhix il-legittimu kontradittur ghaliex hi la kienet u lanqas ma hi l-Awtorita` li ghandha jew kellha l-poter li tfassal u temenda d-dispozizzjonijiet impunjati mis-socjeta` rikorrenti. Hi ma tikkontestax li tat is-sehem taghha fit-tfassil ta’ l-imsemmija dispozizzjonijiet legislattivi impunjati mis-socjeta` rikorrenti, pero` b’daqshekk ma jfissirx li l-MCA kienet jew hi l-Awtorita` li finalment hi responsabbli ghat-tfassil u t-twettiq ta’ dawn id-dispozzizzjonijiet legislattivi.

“L-Awtorita` ssostni li hi ma ghandha l-ebda rwol legislattiv u anqas konsultattiv fil-hrug tar-Regolamenti.

“Izda hawn il-Qorti ma taqbilx mal-eccezzjoni ta’ l-Awtorita`. Huwa veru li l-MCA ma gietx assenjata l-obbligu li tfassal l-Avviz Legali, izda certament kellha involviment qawwi fit-tfassil ta’ l-Avviz Legali in kwistjoni. Dan xehdu Joseph Tabone, li fiz-zmien meta gie promulgat l-Avviz Legali kien *Chairman* ta’ l-MCA. Ukoll, l-ADT ghaddiet il-funzjoni lill-Awtorita` li tigbor minghand l-

operaturi l-hlasijiet in kwistjoni. Ma’ dan irid jizdied li s-socjeta` rikorrenti talbet ir-rifuzjoni ta’ l-ammonti migbura mill-MCA. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li biex jigi studjat dan l-aspett, huwa necessarju ghall-integrita` tal-gudizzju li l-MCA tkun parti fil-kawza bhala intimata.

“***D5. L-intempestivita` ta’ l-azzjoni odjerna:***

“Il-Qrati u t-Tribunali taghna ghandhom jinterpretaw il-ligi Maltija b’mod konformi mal-ligi Ewropeja. Issa, l-artikolu 5 ta’ l-Att dwar l-Unjoni Ewropeja jghid hekk:

> “5. (1) Ghall-finijiet ta’ kull procediment quddiem xi qorti jew awtorità gudikanti ohra, kull kwistjoni dwar it-tifsir jew l-effett tat-Trattat, jew dwar il-validità, tifsir jew effett ta’ xi istrumenti li johorgu minnu jew tahtu, ghandha tigi ttrattata bhala punt ta’ dritt u jekk ma tkunx riferita lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tkun ghad-decizjoni bhala tali skond il-principji stabbiliti minn, u kull decizjoni rilevanti ta’, il-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta’ kull qorti marbuta maghha.”

“Illum l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropeja huma obbligati li jinterpretaw il-ligi domestika b’mod konformi mad-dritt ta’ l-Unjoni Ewropeja. It-Trattat ghandu jghin fl-interpretazzjoni, izda fl-istess hin irid ikun il-forza dominanti u l-ligi ta’ l-Unjoni Ewropeja trid tigi moghtija prijorita` fil-kazijiet fejn il-ligi ta’ l-Istat hija inkonsistenti ma’ jew mankanti mil-ligi Ewropeja.

“Fil-fehma tal-Ministru Ghall-Izvilupp Urban u Toroq:

> “is-socjeta` attrici qeghda tagixxi b’mod prematur meta qeghda targumenta li l-ligi Maltija li tiffissa t-tariffi ghad-drittijiet ta’ moghodija m’hijiex skond il-ligi Ewropeja abbazi ta’ sproporzjonalita` meta hija qatt ma impunjat it-tariffi mahruga skond dik il-ligi bhala *ultra vires* taht il-ligi Maltija ghax sproporzjonati.”

“Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ma jwassalx ghall-intempestivita` ta’ l-azzjoni odjerna ghalkemm certament li l-Qorti ghandha l-obbligu li tinterpreta

l-ligi domestika in konformita` mal-ligi Komunitarja. Is-socjeta` rikorrenti qed tipprova timpunja r-Regolamenti izda ma hemm xejn intempestiv dwar dan.

"***D6. L-Authorisation Directive:***

"Is-socjeta` rikorrenti sostniet li r-Regolament 3(1) ta' l-A.L. 94/2004 mhuwiex konformi mal-Artikolu 13 ta' l-*Authorisation Directive* u ghalhekk talbet dikjarazzjoni li hu minghajr effett kif ukoll rifuzjoni ta' kull ammont li thallas mill-kumpannija rikorrenti. Is-socjeta` rikorrenti ilmentat ukoll dwar l-effett retroattiv li gie moghti lir-Regolament 3(1) permezz tar-Regolament 1(2) ta' l-istess Avviz Legali ghax dan imur kontra l-principju stabbilit mill-Artikolu 14(1).

"Dwar hlasijiet ghad-drittijiet ta' moghdija, hemm zewg Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja (*Directive* 2002/20/EC) u dawn jinsabu fl-artikoli 13 u 14(1). Dawn jghidu hekk:

> "13. *Member States may allow the relevant authority to impose fees for the rights of use for radio frequencies or numbers or rights to install facilities on, over or under public or private property which reflect the need to ensure the optimal use of these resources. Member States shall ensure that such fees shall be objectively justified, transparent, non-discriminatory and proportionate in relation to their intended purpose and shall take into account the objectives in Article 8 of Directive 2002/21/EC (Framework Directive)."*
>
> *"14(1) Member States shall ensure that the rights, conditions and procedures concerning general authorisations and rights of use or rights to install facilities may only be amended in objectively justified cases and in a proportionate manner. Notice shall be given in an appropriate manner of the intention to make such amendments and interested parties, including users and consumers, shall be allowed a sufficient period of time to express their views on the proposed amendments, which shall be no less than four weeks except in exceptional circumstances."*

"Ghalhekk il-Qorti ghandha d-dover li tezamina jekk il-hlasijiet imposti u stabbiliti permezz ta' l-Avviz Legali *de quo* humiex konformi mal-*Authorisation Directive* kif ukoll dwar l-aspett ta' retroattivita` msemmi fl-artikolu 14(1). Skond id-direttiva hlasijiet iridu jkunu:

a. “oggettivament gustifikati;
b. “trasparenti;
c. “mhux diskriminatorji;
d. “proporzjonati in relazzjoni mal-ghan taghhom; u
e. “ghandhom jiehdu in konsiderazzjoni l-oggettivi msemmija f’Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/EC (artikolu 13)

“- “*ensuring that, in similar circumstances, there is no discrimination in the treatment of undertakings providing electronic communications networks and services”.*

“Bhala provi tar-rikorrenti li l-Awtoritajiet Maltin ma mxewx mad-Direttivi, l-istess socjeta` rikorrenti qalet li bhala *license fees* fl-2001 kienet hallset Lm273,557, fl-2001 hallset Lm275,837, fl-2003 hallset Lm296,857 u fl-2004 hallset Lm294,814. skond ix-xhud Jean Pierre Scerri, hlasijiet – *administrative charges* (Avviz Legali 412/2004) u hlasijiet ghad-drittijiet ta’ moghdija fl-2005 kienu cirka Lm272,000, fl-2006 kienu Lm284,000. L-istess xhud kien semma li kien hemm ftehim mac-Chairman ta’ l-Awtorita` Dwar il-Komunikazzjoni, is-Sur Joseph Tabone, li *piu` o meno* dawn il-*fees* jibqghu ekwivalenti, liema fatt gie konfermat mis-Sur Joseph Tabone. Ghalhekk dak li kien qed jithallas mill-operaturi qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali kellhom jibqghu l-istess, b’hekk illi l-*administrative charges* maghduda mal-hlasijiet ghad-drittijiet tal-moghdija jekwiparaw mal-*licence fees* li kienu jithallsu qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali. Is-socjeta` rikorrenti tinsisti li b’hekk ma ttiehdux in konsiderazzjoni r-rekwiziti ta’ l-Artikolu 13(1) ta’ l-*Authorisation Directive*. Ir-rikorrenti tinsisti li bhala konsegwenza ta’ dan l-Avviz Legali, il-hlasijiet li kellhom isiru mill-Melita Cable plc fl-2004 kien Lm30,000, fl-2005 kien Lm120,000 u fl-2006 kien Lm120,000. Inoltre, is-socjeta` rikorrenti nsistiet li l-Avviz Legali kellu jitqies li gie fis-sehh fl-1 ta’ Ottubru 2004. Ir-rikorrenti semmiet li kieku ma kienx ghall-minimu ta’ Lm120,000, ghas-sena 2005 kien ikollha thallas Lm33,709 u ghas-sena 2006 kien ikollha thallas Lm36,744. L-ammont ta’ Lm120,000 illum gie ekwiparat ghal €275,500. Ir-rikorrenti nsistiet li l-minimu ta’ Lm120,000 jiddiskrimina bejn operaturi ghax jista’ jkun hemm operatur li jdahhal ferm aktar mis-socjeta` rikorrenti u xorta jhallas l-istess ammont, b’dan li operatur li jaqla’ Lm30,000,000, ihallas l-istess bhas-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk, fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti ma kienx hemm harsien ta’ l-artikolu 13 ta’ l-*Authorisation Directive*.

“L-Awtorita` ta’ Malta Dwar il-Komunikazzjoni tirribatti li l-unika prova li gabet is-socjeta` rikorrenti hija l-affidavit ta’ Dr. Jean Pierre Scerri u li minn dan

jirrizulta li l-hlasijiet kif maghmula taht ir-regim il-gdid fir-rigward tal-hlasijiet ta'dritt ta' moghdija gew ikkalkulati b'mod li baqghu l-istess kif kienu skond ir-regim ta' qabel Ottubru 2004. L-Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni sostniet li s-socjeta` rikorrenti qatt ma ikkontestat ir-ragonevolezza *o meno* tal-hlasijiet kif allura kienu applikabli taht dak ir-regim.

"Ta' min isemmi li r-*recital* 32 ta' l-istess Direttiva hu spjegat bl-aktar mod car:

"'*This Directive is without prejudice to the purpose for which fees for the rights of use are employed. Such fees may for instance be used to finance activities of national regulatory authorities that cannot be covered by administrative charges'*."

"Din il-Qorti thoss li fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ma ipproduciet ebda prova li bis-sistema l-gdida kien hemm x'jippregudika fid-drittijiet il-godda. Hu ovvju li operatur fil-qasam tal-komunikazzjoni huwa obbligat ihallas kumpens xieraq talli jaghmel uzu minn beni pubblici bhal f'kaz ta' persuna li tikri jew taghmel uzu minn proprjeta` ta' terza persuna. Huwa principju li l-erarju pubbliku ma ghandux jissussidja operatur kummercjali sabiex l-istess operatur ma jhallas l-ebda ammont jew inkellha jhallas kumpens ridikolu li ma jkunx jirrifletti l-ispejjez illi l-erarju pubbliku inkorra sabiex jinbnew u ssir manutensjoni fuq it-toroq li minnhom is-socjeta` rikorrenti tuza u dan fuq it-territorju Malti kollu. Infatti kull *running metre* ta' *culvert* jiswa medja ta' €740 b'mod li l-valur totali bazat fuq 2100km (*network* ta' toroq) jammonta ghal cirka €1,554,000,000. Kieku l-Gvern kellu jinsisti fuq hlas mis-socjeta` rikorrenti ta' 3% tal-valur tal-*culverts* kull sena, il-valur tad-drittijiet tal-moghdija kien jammonta ghal miljuni ta' Ewro. Irrizulta li r-rikorrenti qed tilmenta minn hlas ta' qisu €0.13,3 kull metru meta l-prezz tal-metru huwa €740, b'mod li l-element ta' *objectively justified* rikjest fl-artikolu 13 huwa certament milhuq. Is-socjeta` rikorrenti ilmentat ukoll dwar it-*threshold* minimu ta' €279,520 ghal uzu ta' 2100 kilometru ta' toroq u ssostni li dan m'huwiex gustifikat. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti dwar dan. Trid tirrejalizza li hi mhollija tuza 2100 kilometri ta' toroq u ta' dan il-fattur biss, irrispettivament minn dhul li kapaci tiggenera, huwa gustifikat li jigi impost minimu ta' €279,520, ghax infatti din il-Qorti thoss l-ammont addirittura baxx. Infatti, ma saret ebda prova mir-rikorrenti li l-ammont ta' €279,520 huwa wiehed sproporzjonat in relazzjoni mal-ghan taghhom kif mitlub mid-Direttivi ta' l-EU. Ma gie prodott ebda studju li ghamlet ir-rikorrenti dwar spejjez necessarji mill-Gvern Malti ghall-manutensjoni u spejjez relatati mal-uzu ta' toroq pubblici. Infatti huwa logiku li wiehed jimxi mal-principju li l-gvernijiet ghandhom

jirkupraw l-ispejjez necessarji ghall-provvista ta' dan is-servizz, u dan minhabba l-principju li altrimenti min qed ihallas it-taxxi jkun qieghed jissussidja lill-azzjonisti f'kumpaniji privati. Huwa logiku li wiehed jinsisti li l-gvernijiet ghandhom dritt li jircievu kumpens adegwat ghal-licenzja moghtija b'mod li jirkupra l-ispejjez necessarji biex ihalli *electronic communications providers* ir-*rights of way* rikjesti. Il-Qorti dwar l-ispejjez necessarji mill-awtoritajiet b'referenza ghad-drittijiet ta' moghdija, tirreferi ghall-ispejjez imnizzla fid-discussion paper dwar il-*Public Rights of Ways* fejn gew elenkati erba' kategorji ta' spejjez u cioe`:

- "*Degradation Costs - Defined as depreciation to the roadway, trees, sidewalks, boulevard/landscaped areas, other infrastructure or amenities that result from the intrusion into the public rights of way;*

- "*Repair Costs - Associated with the actual intrusion into the public rights of way;*

- "*Disruption Costs - Caused by the interruption of the normal use of the public right of way;*

- "*Administration/Management Costs - Relate to those costs associated with a public rights of way project such as permitting and supervision, as well as inventory, map updating, location, and general inquiries related to public right of way intrusion.*

"Ir-rikorrenti ma gabet ebda prova biex tirribatti dawn l-ispejjez.

"Dwar l-aspett ta' diskriminazzjoni sollevat mir-rikorrenti, din il-Qorti kif presjeduta (sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **Enrietta Bianchi et vs L-Avukat Generali et** deciza fil-15 ta' Marzu, 2010 (Rikors Nru: 12/08FS) qalet:

> "Ir-rikorrenti trattaw ir-rikors mill-aspett ta' diskriminazzjoni, u irreferew Il-kawza fl-ismijiet **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn jinghad:
>
> > *"The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in*

> *analogous situations without providing an objective and reasonable justification."*

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** fejn intqal:

> “1. Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b’mod differenti (inkluz permezz ta’ imposizzjoni ta’ inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta’ privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta’ l-origini, l-opinjonijiet politici eccetra tal-persuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta’ proporzjonalita’ bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (Ara “**Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat**” - Prim’Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta’ Lulju, 1989, “**Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin u Kultura et**” - Prim’Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta’ Mejju, 1984, “**Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et**” - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta’ Frar, 1987 u bosta ohrajn).”

“Ara wkoll “*Law of the European Convention on Human Rights*” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “*Law and Practice of the European Convention on Human Rights*” - Gomien Harris, *and* Zwack *page* 345 et].

“Fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Tonio Borg et vs Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17/02/88 (Vol. LXII-I-II-9) insibu:

> “Fil-mertu l-Qorti sabet li kien hemm diskriminazzjoni ghad-dannu tar-rikorrenti billi dawn ma kienux inghataw permess jaghmlu l-wirja suggerita meta entitajiet politici ohra nghataw tali permess. Inoltre rrizulta li ma kienx hemm gustifikazzjoni fil-fatti ghal cahda ta' tali permess.”

“Ukoll, fil-kawza **Charles Spiteri vs Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet**, deciza fil 5 ta’ Ottubru 1988 (Vol. LXXII-I-II-71) ir-rikorrent kien Ghawdxi impjegat mal-*Public Works*; minn zmien twil l-impjegati tal-Gvern Ghawdxin kellhom koncessjoni li nhar ta' Gimgha jitilqu ftit qabel l-ohrajn minn fuq ix-xoghol u nhar ta' Tnejn jidhlu ftit tard. Wara li ttiehdet azzjoni industrijali mill-impjegati tal-Gvern, lill-impjegati Ghawdxin li obdew id-direttiva ta' l-*unions* giet revokata lilhom din il-koncessjoni. Wara jumejn l-istess koncessjoni regghet giet moghtija lil dawn l-impjegati ad eskluzjoni tar-rikorrent li kien il-President ta' wahda mill-*unions* li hadu azzjoni industrijali. Il-Qorti rriteniet li dan kien jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 42 (1) u 45 (2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u cioe` ksur tad-dritt tieghu tal-liberta` ta' assocjazzjoni u ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni. It-tnehhija tal-koncessjoni fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrent kienet tfixklu fit-tgawdija tad-dritt tieghu ta' liberta` ta' assocjazzoni. Il-kelma "tfixkel" uzata mil-ligi ghandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi et noe**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar 1999 (Vol. LXXXIII-I-1) intqal:

> “Mhux kull trattament differenti jarreka vantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi agir diskriminatorju li jammonta ghall-ksur ta' drittijiet fondamentali. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jehtiegilhom ikunu arginati fid-definizzjoni ta' dak il-paragun li hu meqjus li jikkostitwixxi diskriminazzjoni ghall-fini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandhom ukoll jigu skartati konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienu jemanu minn ligijiet ohra, bhal dawk li jirregolaw il-kuntratt ta' impieg adegwat ghall-ilment tar-rikorrent, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-allegazzjoni li hu kien gie mkecci ingustament mill-post tax-xoghol tieghu.
>
> “Il-kostituzzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv il-grounds ta' diskriminazzjoni imma wkoll tesigi li jkun jirrizulta dan l-element ta distinzjoni posittiva, materjali u attwali, fit-trattament bejn persuna ta' l-istess deskrizzjoni. Il-pozizzjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija differenti fis-sens li ma hemmx ghalfejn issir il-prova tal-motivazzjoni politika tad-diskriminazzjoni.”

“Issa, fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma thossx li fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti jirrikorru l-elementi ta’ diskriminazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 13 ta’ l-*Authorisation Directive*. Il-Qorti thoss li l-elementi kollha msemmija fl-imsemmi artikolu gew rispettati.

"***D7. L-effett retroattiv moghti lir-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali:***

"Is-socjeta` rikorrenti issottomettiet li dan imur kontra l-principju stabbilit mill-Artikolu 14(1), u ghaldaqstant ir-regolament 1(2) huwa minghajr effett. Dan l-artikolu gja jinsab ikkwotat f'pagni 23 u 24 ta' din is-sentenza. Amendar jista' jsir f'kaz ta':

a. "*objectively justified cases;*
b. "*in a proportionate manner;*
c. "*notice shall be given in an appropriate manner;*
d. *sufficient period of time to express their views on the proposed amendments"*

"Ghalhekk id-Direttivi huma intizi biex jaghti l-possibbilta` li l-operaturi jaghmlu sottomissjonijiet u biex ikollhom pre-avviz taghhom. L-Istess socjeta` rikorrenti tirrikonoxxi li kien hemm *consultation paper* u li din f'pagna 20, kienet tghid:

> *"The Government will therefore be introducing a fee of 0.4 % of gross revenues or a minimum charge of Lm 120,000, under the Utilities and Services (Regulation of Certain Works) Act, Cap 81. on undertakings authorised to provide nation-wide fixed electronic communications networks."*

"Is-socjeta` rikorrenti issottomettiet li mkien ma "jissemma l-effett retroattiv li kien ser jigi attribwit lil-ligi in kwistjoni u ghaldaqstant l-operaturi interessati fl-ebda mumemt ma kellhom l-opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet fuq dan l-aspett. Ghaldaqstant, jigi sottomess illi dan l-aspett ta' l-Avviz Legal gie promulgat kontra l-principju kontenut fl-Artikolu 14 ta' l-*Authorisation Directive*, *stante* li ma saritx konsultazzjoni pubblika kif mehtieg."

"L-Awtorita` Dwar il-Komunikazzjoni, il-Ministru Ghall-Izvilupp Urban u Toroq u l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta sostnew li l-artikolu 14(1) bl-ebda mod ma jipprobbixxi li d-dispozizzjoni tal-ligi jkollha effett retroattiv. Li qed jinghad f'dan l-artikolu hu li ghandu jinghata pre-avviz jekk hemm xi hsieb li ssir xi emenda ghal "*rights, conditions and procedures concerning general authorisations and rights of use or rights to install facilities*". Skond l-Awtorita`

u l-Ministru dan l-obbligu gie ampjament sodisfatt mill-Awtoritajiet koncernati. L-Awtorita` u l-Ministru jsemmu li fil-pubblikazzjonijiet precedenti, dak li kien hemm propost gie rifless fl-Avviz Legali, u jikkwotaw:

> "*The Government will therefore be introducing a fee of 0.4% of gross revenues or a minimum charge of Lm 120,000, under the Utilities and Services (Regulation of Certain Works) Act, Cap. 81 on undertakings authorised to provide nation-wide fixed electronic communications networks*."

"Is-socjeta` rikorrenti ma ghamlet ebda kumment meta d-dokument hareg ghall-konsultazzjoni.

"Il-Ministru Ghall-Izvilupp Urban u Toroq fin-nota tieghu a fol 169 jghid:

> "L-iskop tal-hlasijiet ta' dritt ta' moghdija introdotti bl-Avviz Legali 94 ta' l-2005 huwa intiz sabiex izomm fis-sehh l-istess livell ta' hlasijiet vigenti taht ir-regim ta' qabe u dan ukoll ghall-protezzjoni ta' l-istess industrija tal-komunikazzjoni. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' reotroattivita` tar-regolamenti u dan peress illi l-hlasijiet baqghu l-istess u dan wara li nghata l-pre-avviz permezz tad-dokument ta' konsultazzjoni. "

"Izda l-Qorti ma taqbilx dwar dan l-aspett ma' dak sottomess mill-Awtorita` ghax fid-dokument konsultattiv imkien ma jissemma l-effett retroattiv tar-Regolament. Dan iwassal li fl-ebda mument l-operaturi interessati ma kellhom l-opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet fuq l-aspett ta' retroattivita`. Dan imur kontra l-principju ta' l-artikolu 14 ta' l-*Authorisation Directive*, ghax "*notice shall be given in an appropriate manner*."

"***<u>D8. Talba tal-Melita Cable p.l.c. ghal rifuzjoni ta' hlasijiet maghmula sal-lum:</u>***

"Is-socjeta` rikorrenti talbet ir-rifuzjoni ghall-hlasijiet maghmula. Jinghad li taht l-aspetti ta' "*Authorisation Directive*" u l-effett retroattiv moghti li r-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali f'Sezzjonijiet ohra ta' dawn il-Kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet li l-Avviz Legali, hlief ghal retroattivita` ma jiksirx l-*Authorisation Directive*.

"Minn dan jemergi li hlasijiet li ma humiex retroattivi kienu dovuti u ma hemmx hemm ebda lok ghal rifuzjoni taghhom. Min-naha l-ohra, dawk il-hlasijiet li saru minhabba retroattivita` suppost li jigu rifuzi.

"Sfortunatament, ftit li xejn saru provi fuq dan l-aspett ghajr ghall-fatt li fl-affidavit ta' Jean Pierre Scerri (fol 85 *et*) jissemmew il-hlasijiet li saru mis-socjeta` rikorrenti. Izda min-naha l-ohra ma sarux provi dar l-apporzjonar ta' liema hlas sar in forza ta' l-Avviz Legali *de quo*. Ghalhekk dwar dan l-aspett, filwaqt li l-Qorti thoss li ghandha ssir ir-rifuzjoni relattiva, tirriserva l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti dwar dan l-ammont.

"***D9. Eccezzjoni ta' l-MCA u ta' l-ADT fis-sens li l-Avviz Legali huwa konformi mal-Artikoli 13 u 14(1) ta' l-Authorisation Directive:***

"Illi din il-Qorti gja ikkunsidrat dan l-aspett taht l-"*Authorisation Directive*" fis-Sezzjoni "D6". Din il-Qorti gja waslet ghall-konkluzjoni li t-tariffi huma oggettivament gustifikabbli u proporzjonati ghall-ghan taghhom kif ukolll i huma trasparenti u b'ebda mod diskriminatorji. Infatti d-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 94 ta' l-2005 (id-dispozizzjonijiet impunjati), gew ritenuti minn din il-Qorti hawn fuq bhala konformi mal-artikoli 13 u 14(1) ta' l-*Authorisation Directive*. Bizzejjed wiehed ifakkar li hemm 2100 kilometru ta' toroq involuti. Il-Qorti gja evalwat il-fatt ta' ammont minimu, izda dan l-ammont minimu jezisti f'tant u tant affarijiet bhal ma hu l-kaz ta' persuna li tidhol membru fi *club* jew *gym* fejn ikollha thallas il-*membership fee* anke jekk ma tuzahx, fejn tiehu apparat ghat-tiswija fejn ikollha thallas anke tal-fatt li bniedem tekniku jaghmel l-ewwel evalwazzjoni minghajr ma jsewwi.

"***D10. Eccezzjoni ta' l-MCA fis-sens li l-Artikoli 13 u 14(1) ta' l-Authorisation Directive m'ghandhomx effett dirett:***

"L-MCA issottomettiet li:

> "Illi kif sottomess fir-risposta inizjali ta' l-MCA ghal din il-kawza, hu stabbilit li biex norma fid-Direttiva jkollha effett dirett trid tkun "*clear and unconditional*" u "*not qualified by any reservation on the part of States which would make its*

*implementation conditional upon a positive legislative measures enacted under national law*." F'dan il-kuntest id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 13 u 14(1) ta' l-*Authorisation Directive* ma jissodissfawx il-kriterji mfassla mill-Qorti Ewropea ghaliex mhumiex cari, precisi u inkondizzjonali u b'mod partikolari jaghtu lok ampju ghad-diskrezzjoni ta' l-istati membri fl-implementazzjoni ta' l-istess dispozizzjonijiet…"

"Dan l-aspett hemm varji zviluppi fil-gurisprudenza fiha f'dawn l-ahhar zmenijiet. F'dawn is-sentenzi gie kwalifikat ir-rekwizit ta' l-effett dirett. F'dan il-kuntest huwa utli li jigi ikkwotat l-artikolu 3 tal-Kap 460 li jghid:

"(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

"(2) Kull disposizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata."

"Ghalhekk il-ligi Maltija tipprovdi ezattament x'inhi l-konsegwenza meta ligi nazzjonali tkun inkompatibbli mad-dritt Ewropew. Ma hemm l-edba riferenza – kif hemm fil-ligi Ewropea – ghal kwistjoni ta' *clear and unconditional* jew *sufficiently precise*. Dawn mhumiex, taht il-ligi Maltija, pre-rekwiziti sabiex ligi nazzjonali tkun bla effett. L-uniku rekwizit huwa li jkun hemm "inkompatibilita` bejn l-obbligazzjoni ta' Malta taht it-Trattat" u dik il-ligi.

"Inoltre, l-MCA issottomettiet ukoll li:

"*Di piu`* l-principji li wiehed isib fl-artikoli 13 u 14 ta' l-*Authorisation Directive* ma jiddettaw ebda sistema partikolari biex jigi kalkolat il-valur tad-drittijiet ta' moghdija izda jhallu diskrezzjoni lill-Istati Membri dwar kif jiffissaw it-tariffi relattivi soggett biss ghall-obbligi principalment procedurali imposti mid-Direttiva."

"Dwar dan l-aspett, huwa veru li ma hemmx dettata sistema partikolari ta' kalkolazzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi:

"… … … tibdel u tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-11 ta' Frar 2011 billi u:

"(i) tilqa' l-eccezzjoni preliminari li hi ma hiex legittimu kontradittur;

"(ii) fit-tieni lok u f'kull kaz li l-ewwel aggravji ma jintlaqax, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie deciz dwar it-talba ghar-rifuzjoni illi Melita ghandha dritt tar-rifuzjoni ghall-ammonti mhallsa in virtu` tar-retroattivita` u tirriformaha in kwantu fir-rigward tal-Artikolu 14(1) tal-*Authorisation Directive*, il-ligi Maltija u precizament ir-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-Avviz Legali 94 tal-2005 huma konformi mal-imsemmi Artikolu 14(1) ukoll fir-rigward tal-aspett ta' retroattivita` u illi konsegwentement ma hemm l-ebda obbligu ta' rifuzjoni ta' xi ammonti mhallsa qabel id-dhul fis-sehh tal-A.L. 94 tal-2005 u li del resto l-Melita hi obbligata li thallas id-drittijiet ta' moghdija dovuti wkoll ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u t-8 ta' April 2005;

(iii) li jigi ddikjarat li ghar-rigward tal-aspett ta' retroattivita` fil-kuntest tal-Artikoli 13 u 14 tal-*Authorisation Directive* ma hemm l-ebda effett dirett u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Frar 2011, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi

> tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet li l-Avviz Legali 94 tal-2005 jirregola hlasijiet ghad-dritt ta' moghdija ghal utilitajiet u servizzi u fejn iddecidiet li l-Avviz Legali huwa konformi mal-Artikolu 13 tal-*Authorisation Directive* u fejn cahdet it-talba ghar-rifuzjoni ta' pagamenti in segwitu tar-regolamenti u tipprovdi minflok billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti u tichad it-talbiet tal-kumpanija appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess kumpanija appellata."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Melita p.l.c. li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tibdel u tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-11 ta' Frar 2001 billi:
>
> "(i) Tiddikjara li r-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-A.L. 94 tal-2005 m'humiex konformi mal-art 13 tal-*Authorisation Directive* u konsegwentement huma minghajr effett;
>
> "(ii) Tordna lill-intimati jew min minnhom jaghmlu rifuzjoni lis-socjeta` rikorrenti tal-hlasijiet maghmula minnha sad-data tal-prezentata tar-rikors gurmanetat u kif ukoll ta' hlasijiet li setghu saru wara dik id-data u fil-futur, u dana minhabba n-nuqqas ta' effett tar-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-A.L. 94 tal-2005;
>
> "(iii) Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ispejjez kollha ta' dan il-kaz, fiz-zewg istanzi.
>
> "filwaqt li tikkonfermaha ghall-bqija."

Rat l-appell incidentali tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Frar 2011, fl-ismijiet fuq premessi, billi:

"(1) tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti;

"(2) tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie deciz dwar it-talba ghar-rifuzjoni illi s-socjeta` appellata Melita Cable p.l.c. ghandha dritt tar-rifuzjoni ghall-ammonti mhallsa in virtu` tar-retroattivita` u tirriformaha in kwantu fir-rigward tal-Artikolu 14(1) tal-*Authorisation Directive*, il-ligi Maltija u precizament ir-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-Avviz Legali 94 tal-2005 huma konformi mal-imsemmi Artikolu 14(1) ukoll fir-rigward tal-aspett ta' retroattivita` u illi konsegwentement ma hemm l-ebda obbligu ta' rifuzjoni ta' xi ammonti mhallsa qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 94 tal-2005 u li del resto s-socjeta` appellata Melita Cable p.l.c. hi obbligata li thallas id-drittijiet ta' moghdija dovuti wkoll ghal perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u April 2005;

"(3) jigi ddikjarat li ghar-rigward tal-aspett ta' retroattivita` fil-kuntest tal-Artikoli 13 u 14 tal-*Authorisation Directive* ma hemm l-ebda effett dirett; u

"(4) tikkonferma 'l bqija tas-sentenza appellat.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata Melita Cable p.l.c."

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti:

"… … … li l-aggravji avvanzati minn Melita fir-rikors tal-appell ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha prevja l-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza appellata li minnha qed tintalab riforma."

Rat ir-risposta ta’ Melita p.l.c. ghall-appell tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti:

> “… … … tichad l-Appell tal-Awtorita` u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-11 ta’ Frar tal-2011 fir-rigward tal-kapi li minnhom appellat l-Awtorita`, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita` appellanti.”

Rat ir-risposta tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq ghall-appell ta’ Melita p.l.c. li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta:

> “… … … li l-Appell tas-socjeta` appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, b’rizerva ghall-produzzjoni ta’ provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f’kaz illi dan ikun mehtieg.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f’din il-kawza is-socjeta` Melita Cable p.l.c. qed tilmenta mill-fatt li l-prezzijiet li giet mitluba thallas ghad-dritt li nghatalha ta’ moghdija minn fuq art ta’ terzi ma humiex “*objectively justified*”, “*tansparent*”, “*non-discriminatary*”

u/jew "*proportionate in relation to their intended purpose*" u/jew lanqas ma jiehdu "*into account the objectives in article 8 of Directive 2002/21/EC*" kif jirrikjedi l-Artikolu 13 tal-*Authorisation Directive* (numru 2002/20/EC) tal-Unjoni Ewropea. Tilmenta wkoll mill-fatt li l-prezzijiet gew stabbiliti b'Avviz Legali 94 tal-2005, b'effett retroattiv mill-1 ta' Ottubru, 2004.

Inghataw hafna eccezzjonijiet ta' natura procedurali u preliminari li kollha gew trattati mill-ewwel Qorti qabel ma' din iddecidiet il-meritu billi laqghet in parte it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti. Peress li l-ewwel Qorti laqghet u cahdet diversi kwistjonijiet marbuta mal-kaz, il-partijiet fil-kawza ressqu diversi appelli, b'kull parti tilmenta mis-sentenza sa fejn gew milquta hazin l-interessi taghha. Peress li d-diversi appelli tal-partijiet jolqtu, tista' tghid, il-fattispecie kollha tal-kaz, din il-Qorti sejra titratta l-aggravji seriatim kif iddecidiethom l-ewwel Qorti.

Fl-ewwel lok, giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq li hu mhux il-legittimu kontradittur a bazi tal-Artikolu 181B(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Qed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw l-komunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il-prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-avviz legali in kwistjoni inhareg mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta' dak l-avviz legali innifsu li qed jigu attakkati b'din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz

legali. L-awtoritajiet l-ohra jista’ jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-ligi, pero`, xorta wahda hemm bzonn li l-gvern ikun fil-kawza, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li intrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-ligijiet li jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni.

L-aggravju relattiv tal-Ministru ghall-Izvilupp u t-Toroq qieghed jigi michud.

Fit-tieni lok, giet michuda wkoll l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni li hi mhix il-legittimu kontradittur. Din l-awtorita`, hu veru, ma hijiex responsabbli mit-tfassil jew mill-emendi li saru tad-dispozizzjonijiet legali impunjati, pero`, hi giet inkarigata biex tigbor il-hlasijiet dovuti ghad-drittijiet ta’ moghdija koncessi, u s-socjeta` rikorrenti ressqet talba ghar-rifuzjoni ta’ xi awmenti mitluba fil-konfront taghha, u ghalhekk ma jistax jinghad li hi ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg biex twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti. Il-fatt li, skont hi, il-flus li rceviet ghadithom lill-intimati l-ohra, ma jhassarx il-fatt li hemm talba indirizzata lejha bhala l-awtorita` li effettivament hadet il-flus mis-socjeta` rikorrenti.

L-aggravju relattiv tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni qieghed jigi michud.

Fit-tielet lok, l-ewwel Qorti cahdet eccezzjoni preliminari marbuta mal-intempestivita` tal-azzjoni. Minn din id-decizjoni, pero`, ma tressaqx appell.

Fir-raba' lok, saru wkoll sottomissjonijiet minn uhud mill-intimati li d-direttiva in kwistjoni tal-Unjoni Ewropea ma ghandhiex effett dirett f'Malta. Fuq dan il-punt, il-Qorti tosserva li, bhala regola, huma r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li japplikaw awtomatikament f'kull stat membru tal-istess unjoni, u dan minghajr htiega li l-istess regolamenti jkunu, b'xi strument legislattiv, trasportati bhala ligi fl-istat membru. Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea huma, hekk kif jidhlu in effett, ligi f'kull stat, u jridu jigu enforzati u implementati daqs kull ligi li l-parlament ta' stat membru jista' jippromulga. Id-direttivi tal-Unjoni Ewropea, bhala regola, ma ghandhomx dan l-effett dirett, ghalkemm meta dawn ikunu bizzejjed cari u precizi fid-disposizzjonijiet taghhom jistghu jigu implementati mill-qrati tal-pajjizi membri minghajr htiega li l-istess direttivi jigu inkorporati f'legislazzjoni ad hoc. Bhala regola, pero`, direttiva tal-Unjoni Ewropea tehtieg li l-ewwel tigi trasportata f'ligi tal-pajjiz membru. Fil-fatt, hekk sar f'dan il-kaz. Is-socjeta` rikorrenti mhux qed tinvoka d-direttiva in kwistjoni bhala sors primarju tal-ilmenti taghha, imma qed tghid li t-trasposizzjoni tad-direttiva f'ligi Maltija, ma saretx b'mod korrett u ma tirrispekkjax dak li trid id-direttiva. Meta ssir trasposizzjoni ta' direttiva f'ligi, hu mehtieg li l-ligi tirrispekkja fedelment d-direzzjoni li tesigi d-direttiva. Hafna drabi d-direttiva

stess taghti certa latitudini u diskrezzjoni lill-istati membri fl-implimentazzjoni, izda fejn dan mhux koncess, jew fil-limiti ta' dik id-diskrezzjoni, il-ligi trid tirrifletti n-normi u l-provvedimenti tad-direttiva in partikolari. Dan hu dak mitlub li jsir f'din il-kawza, u cioe`, biex jigi mistharreg jekk l-avviz legali in kwistjoni jirriflettix fedelment dak li trid l-*Authorisation Directive* in kwistjoni.

Kif iddecidiet l-ewwel Qorti, l-aggravju relattiv qed jigi michud.

Fil-hames lok, il-partijiet appellaw mid-decizjoni fil-meritu u dan peress li l-ewwel Qorti laqghet in parte u cahdet in parte t-talbiet attrici. Is-socjeta` rikorrenti talbet dikjarazzjoni li l-provvedimenti tal-hlas ma humiex konformi mal-Artikoli 13 u 14(1) tal-imsemmija direttiva, bl-ewwel Qorti tiddeciedi li huma konformi mal-Artikolu 13, izda ma humiex konformi mal-Artikolu 14(1), specjalment fid-dawl tar-retroattivita` tal-istess provvedimenti. Peress illi kull parti appellat mill-parti tad-decizjoni li hi kontra l-interessi taghha, din il-Qorti trid tara u tezamina l-avviz legali in kwistjoni kif relatat mal-Artikoli 13 u 14(1) tal-imsemmija direttiva.

Kif qalet l-ewwel Qorti, fil-kuntest tal-artikoli invokati tad-direttiva, il-hlasijiet li jigu imposti jridu jkunu oggettivament gustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji, proporzjonati in relazzjoni mal-ghan taghhom u li jiehdu in

konsiderazzjoni l-oggettivi tal-Artikolu 8 tal-*Framework Directive.* L-ewwel Qorti ghamlet studju tac-cirkostanzi u sabet li, fil-fatt, l-avviz legali jissodisfa dawn il-kriterji. Ovvjament, fid-decizjoni tal-Qorti kien hemm element ta' diskrezzjoni soggettiva meta qieset jekk dawn il-kriterji gewx sodisfatti jew le, u din il-Qorti trid taghti certa affidabbilita` lill-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni mill-ewwel Qorti.

Ma hemmx kwistjoni li l-istati membri tal-Unjoni Ewropea ghandhom id-dritt li jimponu hlasijiet fir-rigward ta' drittijiet ta' moghdija. Fil-fissazzjoni tal-hlasijiet, huwa immaterjali jekk l-awtoritajiet koncernati qiesux il-kriterji fuq imsemmija qabel ma stabbilew l-istess hlasijiet, ghax dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-hlasijiet imposti jissodisfawx <u>bhala fatt</u> l-imsemmija kriterji.

Hu koncess lill-istati membri jigbru minghand kull operatur l-ispejjez necessarji biex is-settur jigi regolat. L-Artikolu 12 tad-direttiva jippermetti lil kull stat membru jitlob hlasijiet amministrattivi marbuta ma' erba' attivitajiet, jigifieri, l-ghoti, l-amministrazzjoni, il-kontroll u l-impementazzjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjoni generali; hlasijiet marbuta mal-<u>uzu</u> tas-servizzi pprovduti mill-operaturi ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12 (ara **Vodafone Malta Ltd. et v. L-Avukat Generali (ta Malta) et**, deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fis-27 ta' Gunju, 2013). L-Artikolu 13, min-naha l-ohra, jawtorizza l-gbir ta' drittijiet ghal hlasijiet ghal moghdija.

Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti taqbel li gie muri li t-tariffi imposti huma ragjonevoli u mhux diskriminatorji. Meta tqis l-ammonti li jintefqu mill-awtoritajiet sabiex issir il-manutensjoni u spejjez ohra relatati mal-uzu tat-toroq pubblici li l-istess socjeta` rikorrenti tuza sabiex tghaddi in-*net works* taghha, ma tarax li l-hlas mitlub huwa irragonevoli. L-ewwel Qorti ghamlet studju tal-prezzijiet involuti – dejjem a bazi tal-provi li kellha quddiemha – u wriet li t-tariffa hija wahda "*objectively justified*" u, fil-fehma ta' din il-Qorti, anke baxxi. L-ewwel Qorti irriferiet ukoll ghall-ispejjez imnizzla fid-dokument dwar "*Public Rights of Way*", dokument esebit mill-awtoritajiet intimati, u li jiggustifika certi spejjez kif ikkalkulati. Is-socjeta` tghid li mhux bizzejjed l-analizi tal-Qorti, izda kellu jsir "*studju ekonomiku appozitu*" fuq l-istess. Din is-socjeta`, pero`, ma talbitx li jsir studju simili billi titlob il-hatra ta' esperti in materja u darba li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta li setghet hi stess taghmel l-istudju mehtieg, din il-Qorti, bhala wahda ta' revizjoni ta' dak li sar, ma tarax li tista' iccanfar lill-ewwel Qorti talli ghazlet li taghmel hi l-analizi mehtieg.

Il-fatt li l-awtorita` kompetenti seta' kellha f'mohhha li tohrog b'tariffa li thalliha, bhala dhul, fl-istess posizzjoni li kienet taht ir-regim antik mhux, <u>wahdu</u>, ksur tad-Direttiva. Dak li hu importanti hu li r-rizultat ma jkunx kontra id-Direttiva, fis-sens li ma jkunx eccessiv u jkun gust fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 13 u 8 tal-ligi. Is-socjeta` appellanti targumenta li darba li l-metodu uzat ma

hux korrett, hu x’inhu r-rizultat, id-decizjoni kellha tithassar. Din il-Qorti ma taqbilx, u tara li jekk ir-rizultat ahhari jissodisfa dak li trid il-ligi, wiehed m’ghandux jintilef fuq il-metodu uzat. Fuq kollox, l-awtorita` kompetenti wriet illi kieku qieset l-ispiza tal-inrastruttura, it-tariffa kienet tkun oghla minn dik stabbilita, u s-socjeta` appellant ma wrietx illi, bil-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 13 u 8, it-tariffa kienet tkun anqas. Ma tressqet ebda prova li r-rata imposta teccedi r-rata li kienet tkun stabbilita li kieku sar biss ezami oggettiv tal-kriterji stabbilit fl-Artikoli 13 u 8; anzi bhala prova, jirrizulta l-kuntrarju, u cioe`, li t-tariffa kienet se tkun wahda gholja. Is-socjeta` appellant tghid li dan ma kienx rizultat li waslet ghalih a bazi ta’ studju ekonomiku, pero`, ir-rizultat per se ma giex kontradett, u, kif gia` inghad, fic-cirkostanzi kienet korretta l-ewwel Qorti li mxiet bil-mod li mxiet u cioe`, li tqis li l-awtorita` <u>ippruvat</u> li t-tariffa tissodisfa l-kriterji stabbiliti. Fi kliem iehor, l-oneru impost fuq l-awtoritajiet kompetenti biex juru li t-tariffa imposta hija gustifikata oggettivament, gie sodisfatt bil-provi li tressqu, u ma giex muri l-kuntrarju.

Bit-tariffi imposti, il-posizzjoni tal-operaturi baqghet l-istess kif kienet vigenti taht ir-regim antik. Jidher li, wara l-hrug tad-Direttiva, kien beda jsir studju tac-cirkostanzi li kellhom jolqtu t-tariffa l-gdida, izda meta beda jidher li dak l-istudju kien se jwassal ghal tariffi gholjin, gie deciz li t-tariffa ghal kull operator tibqa’ l-istess kif kienet u dan wara li instab li dawk it-tariffi l-antiki, wara kollox, jissodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 13 u 8 tad-Direttiva. Ma jirrizultax li l-awtorita` kompetenti mxiet b’mod diskriminatorju fil-materja, u darba l-ewwel Qorti

iddecidiet li kellha provi bizzejjed biex tqis it-tariffa "*objectively justified*", wara li sar ezami ta' dawn il-provi, gie misjub li l-awtorita` mxiet b'mod gust.

Fil-kuntest tal-Artikolu 14(1), hawn din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar decizjoni li t-tariffi ikollhom effett retroattiv. L-Artikolu 14(1) bl-ebda mod ma jipprojbixxi li d-disposizzjoni tal-ligi ikollha effett retroattiv. Li jinghad f'dan l-artikolu hu li ghandu jinghata pre-avviz jekk hemm il-hsieb li ssir xi emenda ghad-drittijiet, kundizzjonijiet u proceduri relatati mad-dritt ta' dgawdija; imkien ma jinghad li meta ssir il-konsultazzjoni dwar xi bdil, ghandu jigi amplifikat meta l-bdil ser jidhol fis-sehh. L-importanti hu li wiehed jigi moghti l-opportunita` li jaghti fehmtu dwar il-bdil propost.

Dan l-obbligu gie ampjament sodisfatt mill-awtoritajiet koncernati. Difatti tali pre-avviz inghata kwazi disa' xhur qabel ma gie maghmul l-Avviz Legali 94 tal-2005, meta allura l-Gvern kien ippublika dokument pubbliku ta' konsultazzjoni intitolat "*A New Regulatory Framework for Electronic Communications Markets – Draft Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations*" liema konsultazzjoni inharget f'Lulju 2004. F'dik il-konsultazzjoni kien hemm propost bl-aktar mod car dak li sussegwentement gie rifless fl-avviz legali mpunjat. Difatti fil-pagna 20 ta' dokument ta' konsultazzjoni pertinenti inghad li:

> "*The Government will therefore be introducing a fee of 0.4% of gross revenues or a minimum charge of Lm120,000, under the Utilities and Services (Regulation of Certain Works) Act, Cap. 81 on undertakings authorised to provide nation-wide fixed electronic communications networks.*"

Jigi notat li din il-konsultazzjoni saret diversi xhur qabel l-1 ta' Ottubru 2004 – meta hawn bdew japplikaw l-hlasijiet kif imfassla fir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 94 tal-2005. Dan ifisser li s-socjeta` rikorrenti ma tistax tghid li qabel l-1 ta' Ottubru 2004 hi ma kellha l-ebda hjiel li f'xi zmien il-Gvern kien intenzjonat li jintroduci drittijiet ta' moghdija – ghaliex dan ukoll fattwalment kien intqal f'dokument konsultattiv mahrug f'Lulju tal-2004 almenu xahrejn qabel l-1 ta' Ottubru 2004.

Di piu`, meta nhareg id-dokument ta' konsultazzjoni, is-socjeta` rikorrenti kellha xahar zmien biex taghmel il-kummenti taghha. Fir-rigward tal-proposti ghal hlas dwar drittijiet ta' moghdija, is-socjeta` rikorrenti ma ghamlet ebda kumment fir-rigward tal-hlas minimu ta' €279,520 (allura Lm120,000) li operatur li jkun qed joffri servizz fuq skala nazzjonali, kien ikollu jhallas darba li dawk il-proposti jsiru ligi. Dak rikjest fl-Artikolu 14(1) tad-direttiva in kwistjoni sehh, u l-fatt li t-tariffa giet introdotta b'mod retroattiv biex ikopri l-perjodu ta' konsultazzjoni ma hux b'xi mod projbit jew, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, irragjonevoli.

Tajjeb jinghad li s-socjeta` rikorrenti ma indikatx bi precizjoni kif u safejn l-avviz legali jilledi l-provvedimenti tal-Artikolu 13 u 14(1) tad-direttiva, hlief sa fejn aktar 'l fuq spjegat. Aktar milli irreferiet ghad-direttiva infisha ma ghamlitx, u ma urietx fejn, fil-fehma taghha, l-avviz legali jistultifika l-iskop tal-artikoli indikati. Kien dmir taghha tispjega b'mod car il-lanjanzi, billi tghid fejn u kif l-avviz legali jiskossa mad-direttiva, biex l-awtoritajiet intimati jkunu f'posizzjoni jressqu provi biex juru l-kuntrarju. Jista' jkun li l-piz tal-prova li l-avviz legali inpunjat hu validu huwa fuq l-awtoritajiet governattivi, pero`, fl-ewwel lok, is-socjeta` rikorrenti trid tispjega car l-ilmenti taghha. Sa fejn sar dan, l-awtoritajiet intimati irribattew l-allegazzjonijiet li saru, u dan b'mod konvincenti fil-fehma tal-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` rikorrenti billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appelli tal-intimati billi tilqa' l-istess in parte, u filwaqt li tichad l-appelli taghhom marbuta mal-posizzjoni taghhom bhala intimati f'din il-kawza, tilqa' l-appelli taghhom fil-meritu u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li tiddikjara li r-regolamenti 1(2) u 3(1) tal-Avviz Legali 94 tal-2005 huma konformi mal-Artikoli 13 u 14 tal-*Authorisation Directive* in kwistjoni, u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kwart ($^{1}/_{4}$) mill-intimati Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq u l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni in solidum, u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` rikorrenti Melita Cable p.l.c.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------